- *Ordni ta' tneħħija*
- *immigrant illegali ai termini tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta*

*- artiklu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 82/2018GM**

**Sherif Mohamed Shennawyh ID 19417A**

**u b'digriet tas-27.11.18 isem ir-rikorrent ġie**

**kkoreġut għal "Sherif Mohamed El Shennawyh"**

**vs**

**Avukat Ġenerali**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates***
**Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali**

**Illum, 22 t'Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu abbażi tal-premessi li:

Ir-rikorrent ilu hawn Malta għal aktar minn għoxrin sena. L-istess rikorrent huwa mizzewweġ lil Yana Psaila bir-rit Musulman. Dawn izzewġu nhar l-1 ta' Awissu 2017 u ilhom f'relazzjoni flimkien għal dawn l-aħħar tlett snin.

Apparti min hekk, ir-rikorrent għandu sebat itfal hawn Malta, li erbgħa minnhom huma huma minorenni. Israa għandha ħdax-il sena, Basmala għandha disa' snin, Abeir għandha seba snin u Tassneem għandha ħames snin.

Ir-rikorrent u l-omm ta' dawn it-tfal minuri imsemmija intemmet izda l-istess rikorrent għandu anke proċeduri ġudizzjarji sabiex huwa jkun jista' jara lil uliedu u anke sabiex jirregola l-posizzjoni tiegħu rigwardanti dawn l-ulied.

Ir-rikorrent kien infurmat li huwa ma jistax jibqa' hawn Malta u dan wara li huwa kien instab ħati kriminalment u minħabba f'hekk, skond l-Att ta' l-Immigrazzjoni, r-rikorrent huwa projbit milli jibqa' jirrisjedi f'Malta.

Ir-rikorrent iħoss li din id-deċizjoni hija leżiva għad-drittijiet tiegħu għall-ħajja privata u familjari tiegħu kif sanċit fl-artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

In oltre jħoss wkoll li dan l-aġir qiegħed jesponih għal trattament inuman u degradanti kif sanċit fl-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

F'dan is-sens jingħad li r-rikorrent tant ilu jgħix hawn Malta li nqata' għal kollox mill-pajjiż tat-twelid tiegħu u jidentifika ruħu bħala Maltu u jekk jintbagħat lira lejn pajjiżu, mhux ser isib sostenn ekonomiku jew familjari.

Talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati jw min minnhom, huwa leziv tad-Drittijiet tiegħu Kostituzzjonali u Fundamentali kif sanċit fl-artiklu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qiegħed jitlob wkoll li tiġi revokata l-ordni ta' deportazzjoni maħruġa fil-konfront tar-rikorrent u li jingħataw dawk il-provedimenti kollha sabiex jiġu ppriservati u ssalvagwardjati d-drittijiet inerenti u fundamentali tagħha.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimati ppreżentata fit-28 t'Awissu 2018 li permezz tagħha eċċepew illi:-

1. Essenzjalment l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda deċizjoni (Ordni ta` Tneħħija) li ittieħdet mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazjoni sabiex ir-rikorrent jitkeċċa minn Malta u jiġi rimpatrijat ġewwa pajjiżu l-Eġittu u li iskond hu dan huwa leżiv tal-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta;

2. L-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jiġi spjegat aktar ' l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-liġi liema liġi mhux qed tiġi ikkontestata.

3. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali kif ukoll id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* m`humiex il-leġittimi kontraditturi u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Jingħad li d-deċizjoni mertu ta` din il-kawza ittieħdet unikament mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u ċioe` l-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Ir-rikorrent huwa immigrant illegali ai termini tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta. L-artikolu 5(1)(2)(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta jistabilixxi s-setgħa li għandu l-Ufficjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li joħroġ *Removal Order* proprju meta persuna li tkun f`Malta illegalment tkun instabet ukoll ħatja ta` reat li jġorr piena ta` iktar min sena priġunerija. Ġara li fit-28 ta` Ġunju 2013 inħarġet ordni ta` tneħħija fil-konfront tar-rikorrent wara li instab ħati mil-Qrati kriminali ta` reat li jġorr miegħu piena ta` iktar min sena priġunerija. Ir-rikorrent intavola appell quddiem l-Immigration Appeals Board liema appell ġie miċħud permezz ta` deċizjoni datata 11 ta` Ottubru 2017. Talba tar-rikorrent biex jingħata *status* ta` refuġjat ġiet miċħuda ukoll mir-*Refugee Appeals Board.*

   Għalhekk mhuwiex mistħoqq li taħt il-libsa ta' azzjoni kostituzzjonali din l-Onorabbli Qorti tintuża bħala xi forum ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-Bordijiet b'hekk jerġa' jiġi mistħarreġ mill-ġdid il-mertu dwar il-hrug jew le tal-ordni ta` tneħħija. Dan qed jingħad għaliex kollox juri li r-rikorrent jinsab Malta

illegalment, id-deċizjoni li jitneħħa hija waħda leġittima u għalhekk huwa neċessarju li l-ordni ta` tneħħija tiġi ezegwita minnufih. Il-pajjiz għandu liġijiet dwar l-immigrazzjoni sabiex jitħares l-interess pubbliku u ma hemm xejn x`jindika li f`dan il-kaz ir-rikorrent ġie trattat ħazin jew b`mod diskriminatorju.

5. Ir-rikorrent qiegħed jallega vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jgħid is-segwenti:

> *(1)Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2)Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Dicembru 2007 fil-kawza ***Dickson vs UK*** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*. Għalhekk l-indħil mill-awtorita` pubblika għandu jkun fil-kazi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-deċizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara ***Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).

L-esponent jisħaq li l-ordni ta` tneħħija huwa għal kollox leġittimu u ġustifikat peress li tali miżura taqa` taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta` pubblika u biex jiġi evitat diżordni jew egħmil ta` delitti.

Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

6. Ir-rikorrent qed jallega ukoll trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

   Tajjeb li wieħed ifakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "*inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*". It-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna "intense physical and mental suffering" – kaz ***Tekin v. Turke",*** deċiż fid-9 ta' Gunju, 1998. Għar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi għal dak it-trattament li jġiegħel lil dak li jkun ikisser ir-reżistenza kemm fiżika u morali tal-vittma jew li jġiegħel lill-vittma li taġixxi kontra l-volonta` tagħha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxja u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Illi l-protezzjoni ghad-drittijiet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża', twerwir, angoxxja eċċ bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita` tal-persuna.

   Fid-dawl ta' dan qatt ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-każ odjern sar xi agir li jista' jitqies li jammonta għal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

7. Għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

   Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi mhux ikkontestat li d-deċiżjoni mertu ta` din il-kawza ittieħdet unikament mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u ċioe` l-Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk l-intimati l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali kif ukoll id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* u m`humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet tar-rikorrent;

Illi jirriżulta li:

1. Ir-rikorrent huwa ta’ nazzjonalita` Egizzjana. Ilu jgħix hawn Malta bħala immigrant illegali għal iktar minn għoxrin sena. Kien miżżewweġ lil Abeir Elbaram li minnha għandu sebat itfal; erbgħa minnhom minorenni. L-ulied minorenni ilhom jgħixu m’ommhom fix-xelter Dar Qalb ta’ Gesu`, Santa Venera sa minn April 2016. L-omm għandha l-kura u l-kustodja esklussiva ta’ dawn it-tfal. Il-mara u wliedha marru f’dan ix-xelter wara li kellhom jitilqu mid-dar wara diversi każi ta’ vjolenza domestika li ġarrbet l-omm minħabba l-aġir vjolenti tar-rikorrent u dan kollu bil-problemi konsegwenzjali;

2. Kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, huwa naqas tul iż-żmien li jipprovdi manteniment għal uliedu. Kuntrarjament għal dak li jallega r-rikorrent li jaħdem sigħat twal għall-familja, l-*employment history* tiegħu (fol 106) turi li ħadem b’mod sporadiku, ibiddel ix-xogħol kontinwament, u fil-maġġoranza tal-każi *part-time*. Il-*breadwinner* tal-familja hija Abeir Elbaram li taħdem bħala

għalliema. Ir-rikorrent saħansitra rrifjuta li jibgħat lil uliedu l-iskola u ma kienx jagħtihom manteniment;

3. Iddivorzja lil martu u fl-1 t'Awwissu 2017 iżżewweġ bir-rit Musulman lil Yana Psaila, ċittadina Maltija;

4. Ir-rikorrent għandu mġieba u karattru refrattarji u propens li jwettaq reati kriminali. Tul iż-żmien li għex f'Malta ġie misjub ħati ta' diversi reati kif turi l-fedina penali kkulurita (fol 156). Billi nstab ħati ta' reat li jġorr piena ta' iktar minn sena priġunerija, sar immigrant projbit, u, għalhekk, *ai termini* tal-art. 5(1)(2)(d) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ħareġ Ordni ta' Tneħħija kontrih fit-13 ta' Ġunju 2013. Ir-rikorrent appella quddiem l-*Immigration Appeals Board* li ċaħadlu l-appell b'deċiżjoni tal-11.10.2017. Talba biex jingħata l-istatus ta' refuġjat ġiet ukoll miċħuda mill-istess Bord. Gie rimpatrijat f'pajjiżu f'April/Mejju 2019;

Illi r-rikorrent jallega fl-ewwel lok ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja li *inter alia* tagħti d-dritt għar-rispett lejn il-ħajja privata u tal-familja u tiprojbixxi l-indħil mill-awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. B'danakollu, dan id-dritt mhux assolut u huwa limitat (1) mil-liġi u (2) mill-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew ġid ekonomiku tal-pajjiż (3) mill-ħtieġa li jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti (4) protezzjoni tas-saħħa jew morali (5) protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Illi dawn il-limitazzjonijiet ifissru li l-Istat irid jirreaġixxi **b'mod proporzjonat** fil-ħarsien tagħhom; ma jistax jindaħal fil-ħajja privata bla bżonn inkella b'mod eċċessiv;

Illi r-rikorrent ma jallegax li l-Ordni ta' Tneħħija mhix waħda legali. Bħal kull Stat Sovran ieħor, Malta għandha l-jedd li tkeċċi barranin misjuba ħatja ta' reati kriminali serji;

Illi hemm għadd ta' każi deċiżi mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'fattispeċje simili għal dak preżenti li fihom il-Qorti sabet li l-espulsjoni ta' persuna barranija kienet waħda proporzjonata, fosthom ***Comert v Denmark (10.04.2006), Uner v The Netherlands (18.10.2006), Kulekci v Austria (01.06.2017), Salem v Denmark (01.12.2016)*** u ***Samsonnikov v Estonia (03.07.2012)*** iċċitati fid-deċiżjoni tal-Immigration Appeals Board;

Illi l-Qorti ma ssibx li l-istess Ordni hija sproporzjonata, tenut kont tal-istorja ta' atti kriminali ripetuti mir-rikorrent, li huma theddida serja għas-sigurta` pubblika, u għad-drittijiet ta' kull persuna li tgħix f'Malta bla biża' u fil-paċi;

Illi r-reati ta' vjolenza domestika qajla huma xhieda ta' rispett lejn il-ħajja familjari tiegħu. Ir-rikorrent, bl-egħmil tiegħu vjolenti u non-kuranti, poġġa lil familtu f'qagħda finanzjarja u soċjali prekarja; dipendenti fuq l-għajnuna soċjali. Qajla jista' jingħad li huwa għandu xi rwol ċentrali u importanti fit-trobbija tajba u eżemplari ta' wliedu;

Illi l-ilment ta' ksur tal-ħajja familjari huwa wieħed ċiniku u fieragħ għall-aħħar; manifestament qiegħed isir biex ir-rikorrent ikompli jgħix hawn Malta, u mhux biex jieħu ħsieb t'uliedu. Din il-Qorti ssibha ferm ripunjanti li wara li ma ħax ħsieb uliedu, ir-rikorrent jipprova jinqeda bihom għall-vantaġġ tiegħu innifsu;

Illi r-rikorrent qed jallega ukoll trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni;

Illi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasburgu, "*inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering".* It-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna "*intense physical and mental suffering*" – ***Tekin v. Turkey,*** deċiż fid-9 ta' Gunju, 1998. It-trattament irid ikun qiegħed isir bla bżonn. Hekk tbatija inerenti għal detenzjoni ma tammontax għal trattament inuman jew degradanti. Lanqas tbatija marbuta ma' deportazzjoni. L-awtoritajiet Maltin għamlu xogħolhom bil-paċenzja kollha u bir-reqqa; ir-rikorrent ħalla Malta għal għadd ta' snin pendenti diversi proċeduri ġudizzjarji. Altru milli għamlu atti maħsubin apposta biex jittorturawh jew jiddegradawh. Għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. tillibera lid-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali u lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat l-oħrajn.

Bl-ispejjeż a kariku tal-istess rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA